## SILTA MINN MESSAĠĠ TA’ ĠUŻA MIFSUD

Din is-silta li Ġuża ħejjiet għal-laqgħa ta’ Ġunju 1988 kienet tgħid hekk: “Il-Madonna qaltli: "U għaliex  kull bniedem Malti u Għawdxi ma jieħux b'kurrent lil Ġesu ta' l-Ewkaristija u jekk jista' jkun jitqarben kuljum biex iżomm dejjem ruħu fil-grazzja t'Alla?"...  Niftakru ħafna... fl-imqaddsa Ewkaristija, kemm għandna veru nkunu ħafna attivi, ikollna ħafna mħabba lejn il-bejta qaddisa u sabiħa ta' Ġesu ta' l-Ewkaristija.  Din il-bejta hija t-tabernaklu mqaddes ta' Ġesu sagramentat fl-Ewkaristija mqaddsa.

Ħuti l-aktar għeżiez, inkunu ħafna u ħafna indaf, inkunu nies li nżommu ilsienna nadif, moħħna qaddis biex naħsbu aktar fuq Ġesu li tant ħabbna fl-Ewkaristija, jiġifieri, illi qabel ma nitqarbnu rridu naraw  li ma nobogħdu lil ħadd, inħobbu lil kulħadd minn qalbna u ma teżistix iżjed f'pajjiżna din il-qerda ta' mibegħda li għandna, li qegħda ġġagħalna mmorru lura minflok 'il quddiem fil-ħajja spiritwali,  fil-ħajja tar-ruħ.

U għalhekk ngħidilkom bl-imħabba kollha dak li qaltli s-Sinjura tal-Ħajja... fil-lejl imqaddes u mbierek tad-29 tax-xahar ta' Mejju biex jiena nkun nista' nkellimkom aktar eżatt fuq l-Ewkaristija, fuq l-imħabba tal-Madonna, kemm ħabbet lit-twajjeb Ġesu meta ġabitu fid-dinja, u hekk għandna aħna nħobbu lil Ġesu fl-Ewkaristija bħalma kienet tħobbu l-għażiża Omm tagħna Marija Santissima meta kienet fid-dinja.

U għalhekk f'dan illejl qaltli biex... nitkellem ħafna fuq l-imħabba kbira u l-ġibda li ghandu jkollna  lejn l-Ewkaristija.  L-Ewkaristija trid illi aħna nkunu ħafna nies tajba, ħafna nies li l-providenza t'Alla tinqeda bina biex inwasslu anka lil ħaddieħor din id-devozzjoni hekk kbira,  u m'hux kif jagħmlu ħafna minn ħutna, Maltin u Għawdxin u barranin, li lanqas jagħtu kas ta' Ġesu ta' l-Ewkaristija.

Il-Madonna trid illi: "Meta nidħlu fil-knisja ma jkunx hemm dak it-tpaċpiċ quddiem Ġesu li jkun qiegħed jarana u jismagħna,  għandna nġibu quddiem għajnejna li fit-tabernaklu hemm Ġesu ħaj f'dik l-Ostja mqaddsa u divina."  Trid il-Madonna li meta nkunu għaddejjin qrib xi artal nagħmlu ġenoflessjoni lil Ġesu li qiegħed b'tant imħabba fit-tabernakli tagħna tal-gżejjer żgħar tagħna ta' Malta u Għawdex, meqjum għal imħabbitna.  Trid il-Madonna illi ma għandniex nirċievu lil Ġesu ta' l-Ewkaristija meta nkunu mtebbgħin b'xi dnub Alla jħares qatt mejjet....  Kemm jista' jkun



nitbegħdu minnhom anka d-dnubiet żgħar u venjali, għaliex il-Madonna qaltli li Ġesu ta' l-Ewkaristija meta jidħol f'dik ir-ruħ, jixtieq illi jsibha ġnien sabiħ imgħammar b'ħafna affarijiet spiritwali u tajba.

Il-Madonna qaltli wkoll biex dawk in-nies illi jkunu Alla jħares qatt, u hawn ħafna illi huma mwaqqgħin fih, fid-dnub il-mejjet ma jersqux jirċievu lil Ġesu fl-Ewkaristija qabel ma nersqu lejn saċerdot... Ġesu ma jieħux gost meta nitqarbnu bid-dnubiet il-mejta...  Kulħadd għandu jersaq lejn saċerdot meta jara dawn it-tbajja' fil-kuxjenza u fir-ruħ tiegħu biex iqerrhom u jneħħihom permezz ta' l-assoluzzjoni li jagħtih is-saċerdot.

Trid il-Madonna illi f'dan ix-xahar ta' Ġunju u x-xhur l-oħra ta' wara x-xahar ta' Ġunju li niftakru fil-Qalb imqaddsa, fil-Qalb illi kienet tant imnikkta fuq is-salib illi ħadet dik il-passjoni u l-mewt hekk kiefra għall-umanita, għall-bnedmin tad-dinja kollha.  Napprezzawha din l-imħabba ta' Kristu l-feddej tagħna. L-Ewkaristija m'għandniex nirċevuha biss kull tmint ijiem jew fix-xahar ta' Ġunju, imma nkunu ħafna u ħafna kuraġġużi biex jekk jista' jkun lil Ġesu ta' l-Ewkaristija... nirċevuh fix-xhur kollha tas-sena.

Il-Madonna trid illi nkunu nies Ewkaristiċi, li nirċievu l-Ewkaristija ... biex fina tispikka dik l-imħabba vera li jrid minna l-Mulej permezz ta' Ibnu Ġesu Kristu, illi bagħatu fid-dinja għall-imħabba tagħna.  U l-Ewkaristija għandna nħobbuha u nġibuha quddiem għajnejna kull ħin u kull mument. Kull ħin għandna nġibu quddiem għajnejna illi aħna lill-Mulej u Ġesu ta' l-Ewkaristija ninsabu magħhom magħqudin bl-imħabba, mhux biss f'ħin it-tqarbin, imma kull ħin u kull mument,  matul il-ġurnata kemm fit-tbatija tagħna, kemm fix-xogħol tagħna, kemm fid-dwejjaq tagħna, kemm fin-niket tagħna, kemm fil-mard tagħna, kemm fl-intoppi tagħna, kemm f'dak kollu li jinqala' matul il-jum, matul il-ġimgħa, matul ix-xahar u matul is-sena kollha.”

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità  tal-Knisja.



## MESSAĠĠ MILL-ISQOF MONS. ADEODATO MICALLEF

Aktar tard l-Isqof Adeodato Micallef wassal dan il-messaġġ:

Ikun imfaħħar Ġesù Kristu. Infakkarkom f’dak l-episodju li nsibu fl-evanġelju ta’ San Ġwann, illi s-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu deher liż-żewġ dixxipli fi triqthom lejn Emmaws u li dawn ma kienux għarfuh mill-ewwel. Beda jkellimhom u meta waslu fejn kienu joqgħodu għamel qisu ta’ bir-ruħu li ser jibqa’ sejjer u huma stednuh jibqa’ magħhom, “ibqa’ magħna għax issa sar ħafna ħin,” qalulu, “u l-jum wasal biex jintemm.”

Jiena nista’ ngħid għalija nnifsi, li din is-siegħa li għamilna hawnhekk quddiem Ġesù Sagramentat flimkien magħkom, ħassejna tassew il-preżenza ta’ Kristu magħna u fostna u bejnietna u dana nistgħu ngħidulu dan l-istess kliem li qalulu id-dixxipli ta’ Emmaws, “ibqa’ magħna Mulej għax issa sar ħafna ħin u l-jum wasal biex jintemm, nieżla x-xemx.” Niftakru fil-kliem li qalilna l-istess Sinjur Tagħna Ġesù Kristu speċjalment lil dawk ta’ madwaru meta qalilhom, “jiena dejjem magħkom, iva sa’ l-aħħar taż-żmien.” U dan aħna nemmnuh u dan aħna ngħixuh kuljum  il-għaliex is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu inħossuh li huwa qiegħed magħna kull fejn immorru, f’kull ċirkostanza tal-ħajja tagħna – fit-tbatijiet tagħna ta’ kulljum, fil-ferħ tagħna, fin-niket tagħna, fil-problemi tagħna, fil-mumenti anki ta’ taqbida spiritwali biex negħlbu l-ħażen u sabiex aħna nkomplu ngħixu ħajja ta’ għaqda miegħu. U għal dan aħna għandna qisu garanzija biex ngħid hekk, għaliex kull meta mmorru l-knisja jew ngħaddu minn quddiem knisja niftakru illi hemm Ġesù Kristu fit-tabernakli tagħna wkoll, hija preżenza hekk msejħa rejali ta’ Ġesù fl-Ewkaristija, moħbi taħt l-ispeċi konsagrata tal-ħobż u ta’ l-inbid maqful fit-tabernaklu. Naqfluħ dana Ġesù fit-tabernaklu ta’ kull wieħed u waħda minnha, fina nfusna, it-tabernaklu tal-ħajja tagħna, it-tabernaklu li aħna suppost inkunu għamara xierqa ta’ l-Ispirtu s-Santu li jħejjina dejjem sabiex nibqgħu dejjem maqgħudin u nilqgħu dejjem f’din l-għamara li aħna aħna, lilu u lil  Alla wieħed fi Tliet Persuni, li tagħhom  illum qegħdin niċċelebraw il-festa liturġika.

Niftakru wkoll li għandna l-Madonna, il-Madonna tal-Konsagrazzjoni b’mod speċjali, illi hija ingħatat kollha kemm hija lil Alla u għal dak kollu li Alla kien qed jitlob minnha u saret verament il-Madonna ta’ l-



Ewkaristija, saret it-tabernaklu ħaj ta’ Ġesù Ewkaristiku u għalhekk fuq l-eżempju tagħha aħna wkoll nitħeġġu u nagħmlu kuraġġ għax aħna wkoll fuq l-eżempju tagħha, bl-interċessjoni tagħha  nkunu nistgħu ukoll illi din il-presenza ta’ Ġesù rejali fina inħossuha b’mod illi verament tagħtina dejjem ispirazzajonijiet fil-ħajja tagħna ħalli nagħmlu dak li hu tajjeb u dak li huwa skond il-qalb ta’ binha is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.

J’alla dawn il-mumenti li għaddejna flimkien hawnhekk fil-preżenza ta’ Ġesù ta’ l-Ewkaristija iħalluna wkoll ferħanin fl-ispirtu u dan il-ferħ noħduh magħna fil-familji tagħna, fid-djar tagħna, ma ħbiebna, ma sħabna fuq ix-xogħol, dawk li qegħdin ibatu f’xi mod jew ieħor fil-ġisem, fir-ruħ jew inkella fil-menti tagħhom ħalli nkunu wkoll aħna mhux biss maqgħudin ma’ Alla, imma dik l-għaqda tagħna ma’ Alla nkunu nistgħu ukoll nuruha  fil-ferħ li aħna nġibu lil tant ħutna li għandhom bżonna f’xi mod jew ieħor, li jiġu mfarrġa bil-preżenza tagħna.  Ikun imfaħħar Ġesù Kristu.”

Qabel il-barka sagramentali, Mons. Isqof Micallef bierek l-istatwa ta’ Ġesù jbati li tpoġġiet fejn is-salib li hemm fil-Girgenti. Din l-istatwa nħadmet mill-iskultur Andrew Bugeja u tħallset minn Lord u Lady of Kenfig minn Wales. Skond Ġuża Mifsud, din l-istatwa kien talab li ssir Ġesù stess sabiex tinxtered id-devozzjoni lejn it-tbatija tiegħu.

## TALBA

Nagħlaq dan l-artiklu b’talba li kienet ħolqot Ġuża Mifsud stess fis-snin disgħin:

Mulej Ġesù, agħmel li d-dinja tapprezza t-tbatijiet li batejt għalina matul il-passjoni u l-maħfra li minn fuq is-salib tlabt lill-Missier għalija, għal dawk li sallbuk u għad-dinja kollha.

Twajjeb Mulej Ġesù, nirringrazzjawk għal dik l-ikla qaddisa li għamilt ma’ l-appostli meta ħallejtilna lilek innifsek fl-Ewkaristija.

Għinna, Mulej Ġesù, biex inkabbru d-devozzjoni tagħna lejn it-tbatija tiegħek u lejk fl-Ewkaristija, ħalli npattu għad-disprezzi li qed tirċievi għax kull min ma jemminx fik mhux japprezza dak li għamilt għall-fidwa tagħna.

Sylvana Spiteri LL.D

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Nhar l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2009 jaħbat it-tlettax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi dakinhar fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna. Ma noqgħodux ngħidu ma mmorru xejn is-Siġġiewi iżda nisimgħu quddiesa għar-ruħha fil-belt jew raħal tagħna. Ġuża qatt ma talbet xejn għaliha nnfisha iżda żgur li għall-wirt kbir li ħallitielna jisthoqqilha li naghtuha din is-siegħa darba f'sena. Nappella lil dawk kollha li qalgħu grazzji, dawk li kienu jafuha u d-devoti tal-Madonna sabiex nattendu u flimkien nirringrazzjaw lil Alla u l-Madonna li għoġobhom jinqdew b'Ġuża sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
Glorja lill-Missier...

## GRAZZJI MAQLUGĦA

Il-familja Cacciottolo minn Birkirkira kitbu illi fis-16 ta' Frar 1999 qabad nar fil-kamra tas-sodda minħabba l-electric blanket. Il-mirja nkisru, il-ħġieġ tal-gallarija u ta' l-inkwadru tat-tieġ infaqa' u l-għamara spiċċat. Kollox inqered ħlief l-inkwadru tal-Madonna tal-Girgenti. Huma jirringrazzjaw lill-Madonna li ma waqax is-saqaf u b'mod speċjali li t-tifla ta' tlettax-il sena ma ġralha xejn!

N.N. mis-Siġġiewi tgħid li meta Ġuża tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti, hija semgħetha tgħid li tnax-il persuna kienu ser jaqalgħu il-grazzja li jkollhom tarbija. Hi diġa kellha tifel ta' sbatax-il sena pero kien



ilha għaxar snin terġa tipprova li jkollha t-tfal. Tkompli tgħid li filfatt harġet tqila u meta kienet l-isptar biex twelled it-tifel kien hemm mara mir-Rabat li wkoll kienet qegħda l-Girgenti disa' xhur qabel u semgħet lil Ġuża tgħid dak il-kliem. Issa t-tifel għandu tnejn u għoxrin sena u ta' dan tirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud li ta' sikwit tmur iżżur il-qabar tagħha.

G. Bugeja miż-Żurrieq tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' San Ġużepp.

C. G. minn Ħal Lija kitbet hekk: Nixtieq nirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. Xi sentejn u nofs ilu jien kont tlabt lill-Madonna tal-Girgenti għar-raġel ta' oħti li kellu cancer fl-imsaren u għamel żmien kien ħażin. Tlabt bil-qalb anka lill-Qalb ta' Ġesù u qaddisin oħra u nirringrazzja lil Alla li llum jinsab tajjeb. Meta jagħmel ic-*check ups* jgħidulu li jinsab tajjeb ħafna.
Kont tlabt ukoll għat-tifel tiegħi u l-mara tiegħu li kien ilhom sitt snin bla tfal. Tlabt bil-qalb lill-Madonna. Ma għandix kliem kif se naqbad nirringrazzjha għax dan l-aħħar kellhom tarbija qawwija u sħiħa. Nitlob lill-Madonna biex iżżomm il-mant tagħha fuqhom ilkoll.

Tony Attard minn Birkirkara jgħid li kien jaf persuna li kellu bidu ta' cancer fil-pulmun. Dan darba beda jibki quddiemu. Wegħedu li joħodlu l-ilma tal-Madonna tal-Girgenti u meta kien il-Girgenti talab ħafna għalih. Tony jgħid li għall-grazzja t'Alla dan fieq mill-marda qalila li kellu.
Tony jirrakkonta wkoll li meta mar il-baħar huwa żelaq f'post perakoluż ħafna għax kien hemm blat kbir. Meta żelaq ġie fuq blata u jgħid li kieku waqa' mal-ġenb kellu ċans kbir li jmut. Huwa u jaqa' talab lill-Madonna u għalkemm kellu ħafna demm u daqqiet iżda ma ġarrab xejn serju.
Jgħid ukoll li meta kien il-Polyclinic ġie f'kuntatt kważi dirett ma' tfajjel marid bil-virus H1N1. Tela l-Girgenti f'nofs ta' lejl u talab lill-Madonna kemm għalih kif ukoll għal kull min kien fil-Polyclinic u għall-grazzja t'Alla ma ġralu xejn.

C. Grech minn Ħaż-Żabbar tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.



## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Ottubru 2009 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Novembru 2009 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Diċembru 2009 fit-3.00pm
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Jannar 2010 fit-3.00p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 80 OTTUBRU 2009 JITQASSAM BLA ĦLAS



L-istatwa ta' Ġesù jbati flimkien mas-salib li hemm il-Girgenti

**Għal darba oħra fil-Girgenti, kellna x-xorti hekk sabiħa li fis-7 ta' Ġunju 2009 nqimu u naduraw lil Ġesù Ostja, Ġesù Ħaj, Ġesù li huwa Alla, it-tieni Persuna tas-Santissima Trinita u li fl-istess ħin huwa wkoll ħuwna l-kbir.**

**X'ferħ meta flimkien kantajna l-Panis Angelicum u kant ieħor ta' adorazzjoni. Irreċitajna r-rużarju u l-litanija ta' riparazzjoni lil Ġesù Sagramentat. Għidna diversi talb b'tifħir lil Ġesù Ostja u anka nqrat silta minn messaġġ ta' Ġuża Mifsud.**